Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 1/15AE

**Dr Philip Said** **(appellant)**

**vs**

**Avukat Generali** **(appellat)**

31 t'Ottubru, 2016.

L-Uffiċjal Reviżur, permezz ta' rikors tat-2 ta' Settembru 2014 fil-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, talab li n-Nutar Dottor Philip Said jiġi mħarrek biex jidher quddiemu sabiex jippreżentalu l-atti ppubblikati matul is-sena 2013, id-dikjarazzjoni sħiħa dwarhom, u ċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni, kif ukoll biex jagħmel il-ħlasijiet mitluba mil-liġi, peress illi l-imsemmi Nutar kien naqas li jagħmel dan minkejja għadd ta' talbiet mill-Uffiċjal Reviżur b'emails u messaġġi elettroniċi.

B'digriet tat-3 ta' Settembru 2014 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-ħruġ tat-taħrika.

B'rikors tas-7 t'Ottubru 2014 l-Uffiċjal Reviżur informa lill-Qorti li n-nutar kien naqas li jobdi d-digriet u talabha tieħu l-passi opportuni.

B'digriet tal-14 t'Ottubru 2014 il-Qorti ordnat lin-Nutar jidher quddiemha fit-30 t'Ottubru 2014 biex iwieġeb għan-nuqqas tiegħu u jipproduċi quddiemha l-volumi llegati tal-atti tiegħu inter vivos tas-sena 2013 u d-dokumenti rikjesti fl-Art. 94A tal-Kap 55 u rriżervat li tipprovdi ulterjorment u definittivament wara li jsir dak li ordnat. Minħabba diffikultajiet biex in-Nutar seta' jiġi notifikat, ordnat in-notifika wara l-ħinijiet legali u okkorrendo bl-affissjoni mal-bieb tar-residenza tiegħu. L-affissjoni saret fid-29 t'Ottubru 2014.

Irriżulta li t-taħrika ordnata bid-digriet tat-3 ta' Settembru 2014 kellha riferta negattiva.

In-Nutar deher fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2014 u spjega li ma setax iħallas it-taxxa li kellu fuq tlett kuntratti billi inħareġ mandat ta' sekwestru kontrih. Deher ukoll in-Nutar Clinton Bellizzi li offra s-servizzi tal-Kunsill Notarili biex jiġi sblukkat is-sekwestru.

B'nota tal-14 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Reviżur informa lill-Qorti li ma kien hemm l-ebda żviluppi.

B'deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2015, il-Qorti sabet lin-Nutar ħati ta' ksur tal-

artikolu 94B(18) tal-Kap 55, ordnat l-inabilitazzjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili u kkundannatu jħallas ammenda ta' €1,050 kalkolata bir-rata ta' €50 kuljum mid-data tal-preżentata tar-rikors tal-Uffiċjal Reviżur sad-data tad-digriet finali u b'riżerva ta' penali ulterjuri sad-data meta n-Nutar jottempera ruħu mal-liġi.

In-Nutar Philip Said appella. L-aggravji huma:

(i) ma kienx ġie notifikat bir-rikorsi tal-Uffiċjal Reviżur u b'hekk ma kellux l-opportunita` biex jagħmel risposta formali tal-akkużi li tagħhom instab ħati. Dan imur kontra kull disposizzjoni tal-liġi fejn parti għandha tkun notifikata formalment u mhux informalment kif kien ġara f'dan il-każ. Il-proċeduri kontra l-appellant jibdew biss man-notifika u mhux qabel, u għalhekk il-proċedura hija nulla u bla effett. Tant huwa hekk li l-appellant l-anqas ingħata opportunita` li jtella' provi kontra tiegħu u l-Qorti straħet fuq fatti li m'humiex fl-atti u hija biss xjenza proprja tal-ġudikant.

(ii) bl-inabilitazzjoni temporanja, l-qorti għamlitha mpossibbli li l-appellant jottempera mal-ordni tagħha billi ried jirreġistra xi kuntratti.

L-Avukat Ġenerali wieġeb li:

(i) l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju

(ii) għalkemm in-Nutar ma ġiex notifikat bit-taħrika ordnata fit-3 ta' Settembru 2014 biex jidher quddiem l-Uffiċjal Reviżur, xorta waħda ġie notifikat bl-affissjoni fid-29 t'Ottubru 2014. L-għada attenda l-Qorti u nghata terminu itwal mis-soltu - sal-15 ta' Jannar 2015 - biex jirregola ruħu.

(iii) fl-14 t'Ottubru 2014 il-Qorti stess tagħtu l-opportunita` li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub iżda huwa għażel li ma jagħmilhomx.

(iv) mhux l-ewwel darba li n-Nutar deher quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili. Il-Qorti għalhekk imponiet l-interdizzjoni biex il-qagħda tiegħu ma tkomplix tmur għall-agħar. Seta' jqabbad Nutar ieħor biex jippubblika l-kuntratti minnu msemmija.

## Fatti.

1. Fit-2 ta' Settembru 2014 l-ufficjal reviżur ippreżenta rikors quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Att Notarili li n-nutar Dr Philip Said kien naqas milli jippreżenta l-atti tas-sena 2003 sabiex jiġu eżaminati.
2. B'digriet tat-3 ta' Settembru 2014, il-qorti ordnat li n-nutar Said jitħarrek sabiex fit-3 ta' Ottubru 2014 jidher quddiem l-uffiċjal reviżur. Ordnat ukoll notifika tad-digriet lin-nutar Said.
3. Ir-riferta tan-notifika hi negattiva (15 ta' Settembru 2014). Madankollu fis-7 ta' Ottubru 2014 l-uffiċjal reviżur ippreżenta rikors ieħor fejn għarraf lill-qorti li n-nutar Said kien naqas milli jattendi għas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014 u jippreżenta l-atti. Għalhekk talab lill-qorti

sabiex tagħti provvediment biex in-nutar iwettaq l-obbligu tiegħu.

4. Fl-14 ta' Ottubru 2014, il-qorti tat digriet sabiex in-nutar Said u l-Avukat Ġenerali jidhru quddiemha fis-seduta tal-Ħamis, 30 ta' Ottubru 2014 fid-9.30 a.m sabiex dakinhar, *".... Iwieġeb għan-nuqqas li jottempera ruħu mal-liġi kif ordnat minn din il-Qorti bid-Digriet tagħha kif ukoll biex dakinhar jipproduċi quddiem din il-Qorti l-volumi illegati hardbound tal-atti tiegħu inter vivos li hu rċieva fis-sena 2013 u d-dokumenti kollha rikjesti mil-Liġi fl-art. 94A tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta."* Fl-istess digriet il-qorti tat id-dritt lin-nutar Said u lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub.
5. Mir-riferta (21 ta' Ottubru 2014), jirriżulta li fl-ewwel tentattiv in-nutar Said reġa ma ġiex notifikat. Għalhekk fid-29 ta' Ottubru, 2014 il-qorti ordnat li n-notifika *".... issir bl-urġenza u wara l-ħinijiet legali u bl-affissjoni fl-indirizz tan-Nutar li jidher fl-istess Rapport."* Ordni li twettqet fid-29 ta' Ottubru, 2014.
6. Għas-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014 attendew in-nutar Said, l-uffiċjal reviżur, avukat mill-uffiċċju tal-avukat ġenerali u l-president tal-Kunsill Notarili. Waqt is-seduta n-nutar Said għarraf lill-qorti li ma kienx ġie notifikat bl-ewwel digriet u li, *".... Minħabba l-mandat ta' sekwestru li għandu, il-flus ta' tliet kuntratti inqabdu fis-sekwestru. Għalhekk ma tistax titħallas it-taxxa fuqhom u għahekk ma jistgħux jiġu nsinwati."* Il-każ kien differit ghas-seduta tal-15 ta' Jannar, 2015 sabiex jingħata tagħrif dwar is-sekwestru.
7. Għas-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 reġa attenda n-nutar Said. Dakinhar il-qorti tat deċiżjoni finali wara li b'nota tal-14 ta' Jannar 2015 l-uffiċjal reviżur kien għarraf lill-qorti li n-nutar Said kien għadu ma ppreżentax l-atti relattivi.
8. B'dik id-deċiżjoni l-qorti filwaqt li sabet lin-nutar Said ħati ta' ksur tal-artikolu 94B(18)(a) tal-Kap. 55, peress li ma ppreżentax il-volumi hardbound tal-atti inter vivos li għamel matul is-sena 2013 flimkien mad-dikjarazzjoni relattiva u ċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni ghas-sena 2014, ikkundannatu jħallas ammenda ta' 1,050 bir-rata ta' 50 għal 21 ġimgħa li kienu għaddew mid-data tal-preżentata tar-rikors tat-2 ta' Settembru 2014, kif ukoll l-inabilitazzjoni temporanja sakemm jottempera ruħu mal-liġi.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Kull Nutar huwa obbligat jippreżenta l-atti li jkun ippubblika lill-Uffiċjal Reviżur fid-data u post dikjarati f'avviz ippublikat f'Jannar ta' kull sena fil-Gazzetta tal-Gvern[1]. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, *"għandha titqies għal kull fini tal-liġi bħala avviż suffiċjenti lin-nutara biex jippreżentaw l-atti u biex jagħmlu l-ħlasijiet meħtieġa."*[2] Jekk Nutar jonqos, jeħel €50 fil-ġimgħa "**mid-data tal-preżentata**" ta' rikors li l-Uffiċjal Reviżur jippreżenta fil-Qorti biex toħroġ

[1] Art. 94A(10)(a) u (ċ) Kap 55.
[2] Art 94A(10)(d) Kap 55.

taħrika formali[3]. Jekk in-Nutar jonqos li jidher quddiem l-uffiċjal Reviżur minkejja din it-taħrika, l-uffiċjal għandu jgħarraf lill-Qorti permezz ta' rikors b'dan in-nuqqas[4]. Il-Qorti, permezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali u lin-Nutar, għandha tordnalhom jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-materja u għandha wkoll tiffissa ġuranata għas-smiegħ tal-każ[5].

F'dan il-każ, ir-rikors tat-taħrika tat-2 ta' Settembru 2014 u digriet tat-3 ta' Settembru 2014, ma ġewx notifikati lill-appellant. M'hemmx dubju li l-affarijiet setgħu saru b'mod aħjar. Qabel l-uffiċjal reviżur ippreżenta t-tieni rikors (7 ta' Ottubru, 2014) messu vverifika jekk in-nutar Said kienx ġie notifikat bid-digriet tat-3 ta' Settembru 2014. Ħaġa li setat ukoll għamlet l-istess qorti qabel tat id-digriet tal-14 ta' Ottubru, 2014. Il-Qorti ffissat seduta kif rikjesta mil-liġi fit-30 ta' Ottubru 2014 li għaliha attenda l-appellant, u l-proċeduri ġew differiti ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2015. Fil-mori tad-differiment l-appellant kellu altru milli biżżejjed żmien sabiex jekk irid jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub u jwettaq l-ordni tal-qorti. Kif tajjeb osservat il-qorti fid-deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2014:

*"Illi għalkemm ma jirriżultax li n-nutar Said kien ġie notifikat bit-taħrika ordnata minn dil-qorti fit-3 ta' Settembru 2014 għax mill-proċess jirriżulta li hemm riferta negattiva waħda w xejn iżjed, xorta waħda* ***n-Nutar Said għadu sal-lum aktar minn erba' xhur wara l-preżentata tar-rikors tal-Uffiċjal Reviżur tat-2 ta' Settembru, 2014, inadempjenti w la kkonsenja l-atti u dokumenti lill-Uffiċjal Reviżur u lanqas lil din il-Qorti kif eventwalment kien ġie ordnat li kellu jagħmel fl-udejnza tat-30 t'Ottubru 2014 bid-Digriet tagħha tal-14 t'Ottubru 2014."***

Ir-realta' tibqa' li n-nutar li attenda għas-seduti tat-30 ta' Ottubru 2014 u 15 ta' Jannar 2015, baqa' ma għamilx dak li ordnat il-qorti. L-appellant baqa' passiv. Fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti ma lmenta dwar in-notifiki. Issa qiegħed jipprova juża l-proċeduri tal-appell sabiex iġib fix-xejn is-sentenza tal-ewwel qorti li mponiet sanzjoni fuqu talli kiser il-liġi, billi naqas milli jippreżenta lill-uffiċjal reviżur l-atti li kien ippubblika matul is-sena 2013.

L-ilment tal-appellant li ma ressaqx provi, hu fieragħ. Fl-ebda stadju tal-process quddiem l-ewwel qorti m'għamel talba f'dan is-sens. Dan apparti li kieku ried fil-mori tad-differiment kellu biżżejjed żmien sabiex jikkonsulta ma' avukat u jagħmel kull talba li seta' deherlu li kellha ssir. Wieħed irid jiftakar li r-rikorrent hu professjonist midħla tal-liġi u jaf kif imorru l-affarijiet.

Għal dak li jikkonċerna t-tieni aggravju, l-appellant isostni li ladarba l-qorti kienet inabiltatu parzjalment, ma kienx iktar possibbli għalih li jirreġistra xi kuntratti. Dan mhux minnu in vista ta' dak li jipprovdi paragrafu (19) tal-

---

[3] Art 94A(18)(a) Kap 55.
[4] Art 94A(18)(ċ) Kap 55.
[5] Art 94A(18)(d) Kap 55.

Artikolu 94(A) tal-Kap. 55. Għalkemm fl-istess aggravju ngħad li, *"B'hekk huwa mpossibbli għalih li jippubblika dawn il-kuntratti meta huwa inabiltat"*, il-pubblikazzjoni tal-kuntratt m'għandhiex x'taqsam mal-insinwa tal-atti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul